

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 94/62/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 1994

dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(ĠU L 365 , 31.12.1994, p. 10)

Emendata minn:

	Nru	Ġurnal Uffiċjali	
		Paġna	Data
► M1 Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	L 284	1	31.10.2003
► M2 Id-Direttiva 2004/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004	L 47	26	18.2.2004
► M3 Id-Direttiva 2005/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005	L 70	17	16.3.2005



ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 94/62/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 1994

dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi l-miżuri nazzjonali differenti li għandhom x'jaqsma ma' l-immaniġġjar ta' l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ għandhom jiġu armonizzati sabiex, minn naħa l-waħda, dawn ma jħallu l-ebda impatt fuq l-ambjent jew sabiex jitnaqqas l-impatt, sabiex b'hekk jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, u min-naħa l-oħra, sabiex jiġi żgurat illi s-suq intern jaħdem kif suppost u jiġi evitat tfixkil tal-kummerċ kif ukoll distorsjonijiet u restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni fil-Komunità;

Billi l-aħjar mezz ta' prevenzjoni tal-ħolqien ta' l-iskart mill-imballaġġ huwa li jitnaqqas il-volum totali ta' l-imballaġġ;

Billi huwa importanti, fejn għandhom x'jaqsma l-għanijiet ta' din id-Direttiva, illi jiġi rrispettat il-prinċipju ġenerali li miżuri meħuda fi Stat Membru wieħed sabiex jiproteġu l-ambjent m'għandhomx jaffettwaw ħażin il-ħila ta' Stati Membri oħra illi jiksibu l-għanijiet tad-Direttiva;

Billi t-tnaqqis ta' l-iskart huwa essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli mitlub b'mod speċifiku mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Billi din id-Direttiva għandha tkopri t-tipi kollha ta' l-imballaġġ mqiegħed fis-suq u l-iskart mill-imballaġġ kollu; billi, għalhekk, id-Direttiva tal-Kunsill 85/339/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar il-kontenituri tal-likwidi għall-konsum tan-nies ⁽⁴⁾ għandha tiġi rrevokata;

Billi l-imballaġġ għandu funzjoni soċjali u ekonomika vitali u għalhekk il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal ħtiġiet leġislattivi rilevanti oħra li jaffettwaw il-kwalità u t-trasport ta' l-imballaġġ jew tal-merkanzija imballata;

Billi, skond l-istrateġija tal-Komunità għall-immaniġġjar ta' l-iskart stabbilita bir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1990 dwar il-politika ta' l-iskart ⁽⁵⁾ u bid-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart ⁽⁶⁾, l-immaniġġjar ta' l-imballaġġ u ta' l-iskart mill-imballaġġ għandu jinkludi bħala l-ewwel prijorità, il-prevenzjoni ta' l-iskart mill-imballaġġ u, bħala prinċipji fundamentali addizzjonali, l-użu mill-ġdid ta' l-imballaġġ, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru ta' l-iskart mill-imballaġġ sabiex b'hekk ikun hemm tnaqqis fir-rimi finali ta' skart ta' din ix-xorta;

Billi, sakemm isir progress xjentifiku u teknoloġiku fil-proċessi ta' l-irkupru, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ għandhom jingħataw preferenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impatt ambjentali; billi dan jeħtieġ l-

⁽¹⁾ ĠU C 263, tat-12.10.1992, p. 1 u ĠU C 285, tal-21.10.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 129, ta' l-10.5.1993, p. 18.

⁽³⁾ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 1993 (ĠU C 194, tad-19.7.1993, p. 177), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ta' l-4 ta' Marzu 1994 (ĠU C 137, tad-19.5.1994, p. 65) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Mejju 1994 (ĠU C 205, tal-25.7.1994, p. 163). Ikkonfermati fit-2 ta' Diċembru 1993 (ĠU C 342, ta' l-20.12.1993, p. 15). It-test komuni tal-Kumitat tal-Konċiljazzjoni tat-8 ta' Novembru 1994.

⁽⁴⁾ ĠU L 176, tas-6.7.1985, p. 18. Id-Direttiva l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/629/KEE (ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48).

⁽⁵⁾ ĠU C 122, tat-18.5.1990, p. 2.

⁽⁶⁾ ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39. Id-Direttiva l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/156/KEE (ĠU L 78, tas-26.3.1991, p. 32).

▼B

istabbiliment fl-Istati Membri ta' sistemi li jiggerantixxu r-ritorn ta' l-imballaġġ użat u/jew l-iskart mill-imballaġġ; billi stimi taċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-imballaġġ għandhom jitlestew kemm jista' jkun malajr sabiex tiġi ġġustifikata ġerarkija ċara bejn l-imballaġġ li jista' jintuża mill-ġdid, dak li jista' jiġi rriciklatat u dak li jista' jiġi rkuprat;

Billi l-prevenzjoni ta' l-iskart mill-imballaġġ għandha titwettaq permezz ta' miżuri xierqa, inklużi l-inizjattivi meħuda fl-Istati Membri b'konformità ma' l-għanijiet ta' din id-Direttiva;

Billi l-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu, b'konformità mat-Trattat, sistemi ta' l-użu mill-ġdid ta' l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża b'mod illi jirrispetta l-ambjent, sabiex jieħdu l-vantaġġ tal-kontribuzzjoni ta' sistemi bħal dawn lill-protezzjoni ambjentali;

Billi mill-perspettiva ambjentali r-riċiklaġġ għandu jiġi meqjus bħala parti importanti mill-irkupru bil-ħsieb partikolari li jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija u tal-materja prima u tal-qerda finali ta' l-iskart;

Billi l-irkupru ta' l-enerġija huwa mezz wieħed effettiv ta' l-irkupru ta' l-iskart mill-imballaġġ;

Billi l-miri stabbiliti fl-Istati Membri għall-irkupru u r-riċiklaġġ ta' l-iskart mill-imballaġġ għandhom ikunu restritti fil-kamp tal-varjazzjoni sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri u sabiex jiġu evitati xkiel għall-kummerċ u distorsjoni tal-kompetizzjoni;

Billi, sabiex jinkisbu riżultati fuq medda daqsxejn twila ta' żmien u biex l-operaturi ekonomiċi, il-konsumaturi u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw il-perspettiva meħtieġa għall-futur imbiegħed, temma taż-żmien fuq perijodu medju għandha tiġi stabbilita sabiex jintlaħqu l-miri msemmija qabel u temma taż-żmien fuq perijodu fit-tul għandha tiġi stabbilita għal miri li għandhom jiġu stabbiliti fi stadju aktar tard bil-ħsieb li dawn il-miri jizziedu b'mod sostanzjali;

Billi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, fuq il-bażi ta' rapporti mill-Kummissjoni, jeżaminaw l-esperjenza Prattika miksuba fl-Istati Membri fil-ħidma tagħhom lejn il-miri msemmija qabel u s-sejbiet tat-teknika tar-riċerka u l-evalwazzjoni xjentifika bħal mhuma l-istati tal-bilanċ ekologicu;

Billi l-Istati Membri li għandhom, jew se jagħmlu, programmi li jmorru lil hinn minn skali ta' miri bħal dawn għandhom jiġu mħollija jsegwu dawk il-miri fl-interess ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali bil-kondizzjoni li miżuri ta' din ix-xorta jevitaw disturbi fis-suq intern u ma jżommux lill-Istati Membri l-oħra milli jikkonformaw ma' din id-Direttiva; billi l-Kummissjoni għandha tikkonferma miżuri bħal dawn wara verifikazzjoni xierqa;

Billi, mill-banda l-oħra, ċerti Stati Membri jistgħu jitħallew jadottaw miri aktar baxxi minħabba fiċ-ċirkostanzi speċifiċi f'dawk l-Istati Membri, bil-kondizzjoni li huma jiksbu l-mira minima għall-irkupru fit-temma taż-żmien stabbilita għall-Istati Membri kollha, u f'temma taż-żmien aktar tard il-miri stabbiliti għall-Istati Membri kollha;

Billi l-immaniġġjar ta' l-imballaġġ u ta' l-iskart mill-imballaġġ jeħtieġ illi l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' ritorn, ġbir u rkupru; billi sistemi bħal dawn għandhom jinfetħu għall-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha u għandhom jiġu ddisinjati b'mod illi jevitaw id-diskriminazzjoni kontra l-prodotti importati u l-ostakoli għall-kummerċ jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u li jiggerantixxu l-akbar ritorn possibbli ta' l-imballaġġ u ta' l-iskart mill-imballaġġ, skond it-Trattat;

Billi l-kwistjoni ta' l-immarrkar Komunitarju ta' l-imballaġġ teħtieġ aktar studju, imma għandha tiġi deċiża mill-Komunità fil-futur qarib;

Billi, sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent ta' l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u galbiex jiġu evitati ostakoli għall-kummerċ u distorsjoni tal-kompetizzjoni, huwa meħtieġ ukoll li jiġu ddefiniti l-ħtiġiet essenzjali li jirregolaw il-kompożizzjoni u n-natura ta' l-imballaġġ li jista' jintuża mill-ġdid u li jista' jiġi rkuprat (inkluż irriċiklatat);

▼B

Billi l-preżenza fl-imballaġġ ta' metalli u sustanzi oħra li jagħmlu l-ħsara għandha tiġi llimitata minħabba l-impatt tagħhom fuq l-ambjent (b'mod partikolari fid-dawl tal-preżenza mistennija tagħhom fl-emissjonijiet jew fl-irmied meta l-imballaġġ jiġi maħruq, jew fil-lissija meta l-imballaġġ jiġi mirdum); billi huwa essenzjali, bħala l-ewwel pass lejn it-tnaqqis tat-tossiċità ta' l-iskart mill-imballaġġ, illi titwaqqaf iż-żieda fl-imballaġġ ta' metalli tqal li jagħmlu l-ħsara u li jiġi żgurat li sustanzi bħal dawn ma joħorġux fl-ambjent, b'eżenzjonijiet xierqa li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni f'każijiet speċifiċi taħt proċedura tal-Kumitat;

Billi, jekk għandu jintlaħaq livell għoli ta' riċiklaġġ u jiġu evitati problemi ta' saħħa u ta' sigurtà minn dawk impjegati biex jiġbru u jipproċessaw l-iskart mill-imballaġġ, huwa essenzjali li skart ta' din ix-xorta jiġi magħżul fis-sorsi;

Billi l-ħtiġiet għall-fabbrakar ta' l-imballaġġ m'għandhomx jgħoddu għall-imballaġġ użat għal prodotti speċifikati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva; billi perijodu ta' transizzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' l-imballaġġ huwa meħtieġ ukoll;

Billi l-għażla ta' l-aħjar mument għad-dispożizzjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' l-imballaġġ li jilħaq il-ħtiġiet essenzjali kollha għandha tqis il-fatt li standards Ewropej qed jiġu ppreparati mill-korp kompetenti ta' l-istandardizzazzjoni; billi, madanakollu, id-dispożizzjonijiet dwar il-mezzi tal-prova tal-konformità ta' l-istandards nazzjonali għandhom japplikaw bla dewmien;

Billi l-preparazzjoni ta' l-istandards Ewropej għall-ħtiġiet essenzjali u għal punti oħra li għandhom x'jaqsmu magħhom għandha tiġi inkoraggjata;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva jimplikaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' l-irkupru u r-riċiklaġġ u ta' swieq għall-materjali ta' l-imballaġġ riċiklati;

Billi l-inklużjoni ta' materjal riċiklat fl-imballaġġ m'għandux imur kontra d-dispożizzjonijiet relevanti dwar l-iġjene, is-saħħa, u s-sigurtà tal-konsumatur;

Billi informazzjoni dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ mill-Komunità kollha hija meħtieġa sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva;

Billi huwa essenzjali li dawk kollha involuti fil-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti ta' l-imballaġġ u l-prodotti imballati jsiru aktar konxji ta' l-ammont ta' imballaġġ illi jsir skart, u li skond il-prinċipju li min iniggeż iħallas jaċċettaw ir-responsabbiltà għal dan l-iskart; billi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva għandhom jinvolvu u jeħtieġu l-koperazzjoni mill-qrib tal-imsieħba kollha, fejn xieraq, fl-ispirtu ta' responsabbiltà komuni;

Billi l-konsumaturi għandhom funzjoni essenzjali fl-immaniġġjar ta' l-imballaġġ u ta' l-iskart mill-imballaġġ u għalhekk għandhom jingħataw biżżejjed taġħrif sabiex jaddattaw l-imġieba u l-attitudnijiet tagħhom;

Billi l-inklużjoni ta' kapitolu speċifiku dwar l-immaniġġjar ta' l-imballaġġ u ta' l-iskart mill-imballaġġ fil-pjanijiet ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart meħtieġa mid-Direttiva 75/442/KEE tikkontribbwxixi għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva;

Billi, sabiex tiġi mħaffa l-kisba ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jista' jkun xieraq li l-Komunità u l-Istati Membri jużaw strumenti ekonomiċi skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, sabiex jiġu evitati forom ġodda ta' protezzjoniżmu;

Billi l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi l-proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam ta' l-istandards u tar-regolamenti tekniċi ⁽¹⁾, jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-abbozz ta' kull miżura li għandhom il-ħsieb li jadottaw qabel ma jadottawha, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk tikkonformax mad-Direttiva jew le;

(1) ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8. Id-Direttiva l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/400/KEE (ĠU L 221, tas-6.8.1992, p. 55).

▼B

Billi l-addattament għall-progress xjentifiku u teknoloġiku tas-sistema ta' l-identifikazzjoni ta' l-imballaġġ u l-formati li għandhom x'jaqsmu mas-sistema tad-*database* għandhom jiġu żgurati mill-Kummissjoni bi proċedura ta' kumitat;

Billi jeħtieġ li jiġu pprovduti miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu sabiex tingħeleb kull diffikultà li tinqala' fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva bi qbil ma', fejn xieraq, l-istess proċedura tal-kumitat,

ADOPTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Għanijiet

1. Din id-Direttiva għandha bħala għan l-armonizzazzjoni tal-miżuri nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-immaniġġjar ta' l-imballaġġ u ta' l-iskart mill-imballaġġ sabiex, min-naħa l-waħda, ma jkun hemm l-ebda impatt minn dawn fuq l-ambjent ta' l-ebda Stat Membru jew ta' terzi pajjiżi jew sabiex jitnaqqas l-impatt, biex b'hekk jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, u sabiex, min-naħa l-oħra, tiġi żgurata l-funzjoni tas-suq intern u jiġu evitati t-tfixkil tal-kummerċ u distorsjonijiet u restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni fil-Komunità.

2. Għal dan il-għan din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri mmirati, bħala l-ewwel prijorità, lejn it-twaqqif tal-produzzjoni ta' l-iskart mill-imballaġġ u, bħala prinċipji fundamentali addizzjonali, lejn l-użu mill-ġdid ta' l-imballaġġ, lejn ir-riċiklaġġ u lejn forom oħra ta' l-irkupru ta' l-iskart mill-imballaġġ u, b'hekk lejn it-tnaqqis tal-qerda finali ta' dan l-iskart.

L-Artikolu 2

Il-kamp ta' l-applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tkopri l-imballaġġ kollu mqiegħed fis-suq tal-Komunità u l-iskart mill-imballaġġ kollu, kemm jekk jiġi użat kemm jekk jinħareġ fil-livell ta' l-industrija, tal-kummerċ, ta' l-uffiċini, tal-ħwienet, ta' xi servizzi, domestiku jew ta' xi livell ieħor, ikun xi jkun il-materjal użat.

2. Din id-Direttiva għandha tgħodd mingħajr preġudizzju għal ħtiġiet eżistenti tal-kwalità għall-imballaġġ bħalma huma dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà, mal-protezzjoni tas-saħħa u ma' l-iġjene tal-prodotti imballati jew għal ħtiġiet eżistenti tat-trasport jew għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar l-iskart perikoluż⁽¹⁾.

L-Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva

1. "l-imballaġġ" għandu jfisser il-prodotti kollha magħmula minn kull materjal tkun xi tkun in-natura tiegħu sabiex jintużaw għaż-żamma, il-protezzjoni, l-immaniġġjar, it-twassil u l-preżentazzjoni tal-merkanzija, minn materja prima sa prodotti pproċessati, mill-produttur sa l-utent jew il-konsumatur. Il-prodotti li mhumiex maħsubin sabiex jerġgħu jinġabru li jiġu wżati għall-istess skopijiet għandhom jitqiesu bħala imballaġġ ukoll.

"L-imballaġġ" jikkonsisti biss fi:-

- (a) imballaġġ għall-bejgħ jew imballaġġ primarju, jiġifieri l-imballaġġ maħsub sabiex jikkostitwixxi unità ta' bejgħ lill-utent jew lill-konsumatur finali fil-post fejn jinxtara;
- (b) imballaġġ ta' prodotti fi gruppi jew imballaġġ sekondarju, jiġifieri l-imballaġġ maħsub sabiex jikkostitwixxi fil-post fejn jinxtara gruppi ta' ċertu numru ta' unitajiet tal-bejgħ kemm jekk

(¹) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 20.

▼B

dawn ta' l-aħħar jiġu mibjugħa b'dan il-mod lill-utent jew lill-konsumatur finali kemm jekk iservu biss bħala mezz biex jimtlew l-ixkafef fil-post tal-bejgħ; jista' jitneħħa mill-prodott mingħajr ma jaffettwa l-karatteristiċi tiegħu;

- (c) imballaġġ għat-trasport jew imballaġġ terzjarju, jiġifieri l-imballaġġ maħsub sabiex jiġu mħeffa l-immaniġġjar u t-trasport ta' numru ta' unitajiet tal-bejgħ jew imballaġġ ta' prodotti fi gruppi sabiex ma ssirx ħsara mill-immaniġġjar fiżiku u waqt it-trasport. L-imballaġġ tat-trasport ma jinkludix il-kontejners li jinġarru fuq il-vetturi ta' l-art, fuq il-ferrovija, fuq il-bastimenti jew fuq l-ajruplani.

▼M2

Id-definizzjoni ta' "ippakkjar" għandha tiġi bażata wkoll fuq il-kriterji stabbiliti hawn taħt. L-oġġetti msemmija f'Anness I huma eżempji illustrati ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji.

- (i) L-oġġetti għandhom jiġu konsidrati bħala ippakkjar jekk jaderixxu mad-definizzjoni hawn fuq imsemmija mingħajr preġudizzju għall-funzjonijiet oħra li jista' jagħmel l-ippakkjar, kemm-il darba l-oġġett mhux parti integrali ta' prodott u huwa neċessarju li dak il-prodott jinżamm, jiġi sostnut jew priservat fit-tul taż-żmien tiegħu u l-elementi kollha huma intiżi li jintużaw, jiġu ikkonsmati jew mormija flimkien.
- (ii) L-oġġetti mfassla u ntiżi biex jimtlew fil-ħin tal-bejgħ tagħhom u l-oġġetti li ma jerġgħux jintużaw li jkun mibjugħa, mimlija jew mfassla u intiżi biex jimtlew fil-ħin tal-bejgħ tagħhom għandhom jiġu ikkonsidrati bħala ippakkjar sakemm jaderixxu mal-funzjoni ta' ippakkjar.
- (iii) Komponenti ta' l-ippakkjar u elementi aċċillari integrati fl-ippakkjar għandhom jiġu konsidrati bħala parti mill-ippakkjar li huma mdaħħla fih. L-elementi aċċillari mdendla direttament fuq, jew imwaħħla mal-prodott u li jwettqu funzjoni ta' l-ippakkjar għandhom jiġu konsidrati bħala ippakkjar kemm-il darba m'humex parti integrali ta' dan il-prodott u l-elementi kollha huma intiżi biex jiġu konsmati u mormija flimkien.

Il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21, teżamina u, fejn meħtieġ, tirrevedi l-eżempji illustrati mogħtija f'Anness I dwar id-definizzjoni ta' ippakkjar. L-oġġetti li ġejjin għandhom jiġu indirizzati bħala prijorità: Kaxxi ta' CDs u *videos*, qsari, tubi u ċilindri mdawra b'materjal flessibli, karta approprijata għal tikketti bi twaħħil proprju u karta għat-tgeżwir;

▼B

2. "l-iskart mill-imballaġġ" għandu jfisser kull imballaġġ jew materjal ta' l-imballaġġ li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' l-iskart fid-Direttiva 75/442/KEE, minbarra l-fdalijiet tal-produzzjoni;
3. "l-immaniġġjar ta' l-iskart ta' l-imballaġġ" għandu jfisser l-immaniġġjar ta' l-iskart kif definit fid-Direttiva 75/442/KEE;
4. "il-prevenzjoni" għandha tfisser it-tnaqqis fil-kwantità u fil-ħsara għall-ambjent:
 - tal-materjali u s-sustanzi li jinsabu fl-imballaġġ u fl-iskart mill-imballaġġ,
 - ta' l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ fil-livell tal-proċess tal-produzzjoni u fl-istadji tat-tħejjija għas-suq, tat-tqassim, ta' l-utilizzazzjoni u ta' l-eliminazzjoni,

b'mod partikolari permezz ta' l-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġija "nodfa";

5. "l-użu mill-ġdid" għandu jfisser kull operazzjoni li permezz tagħha l-imballaġġ, li jkun ġie maħsub u ddisinjat sabiex iwettaq fiċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu numru minimu ta' vjaġġi jew rotazzjonijiet, jiġi mimli mill-ġdid jew użat għall-istess skop li għalih kien ġie maħsub, bl-appoġġ jew mingħajru ta' prodotti awżiljari preżenti fis-suq li jgħinu sabiex il-prodott jerġa' jimtela; imballaġġ użat mill-ġdid bħal dan isir skart ta' l-imballaġġ meta ma jistax jerġa' jintuża;

▼B

6. "l-irkupru" għandu jfisser kull operazzjoni applikabbli pprovduta fl-Anness II.B tad-Direttiva 75/442/KEE;
7. "ir-riċiklaġġ" għandu jfisser il-proċessar mill-ġdid fi proċess tal-produzzjoni tal-materjali ta' l-iskart għall-iskopijiet oriġinali jew għal skopijiet oħra inkluż ir-riċiklaġġ organiku imma minbarra l-irkupru ta' l-enerġija;
8. "l-irkupru ta' l-enerġija" għandu jfisser l-użu ta' l-iskart mill-imballaġġ li jieħu n-nar bħala mezz sabiex tiġi ġġenerata l-enerġija permezz ta' ħruq dirett flimkien ma', jew mingħajr, skart ieħor imma bl-irkupru tas-sħana;
9. "ir-riċiklaġġ organiku" għandu jfisser it-trattament erobiku (kompostjar) jew anerobiku (bijometanizzar), taħt kondizzjonijiet kontrollati u bl-użu ta' mikro-organiżmi, tal-partijiet bijodegradabbli ta' l-iskart mill-imballaġġ, li jipproduċu residwi organiċi stabblizzati jew metanu. L-irdim m'għandux jitqies bħala forma ta' riċiklaġġ organiku;
10. "qerda" għandha tfisser kull operazzjoni applikabbli pprovduta fl-Anness II.A tad-Direttiva 75/442/KEE;
11. "l-operaturi ekonomiċi" fir-rigward ta' l-imballaġġ għandhom ifissru l-fornituri tal-materjali ta' l-imballaġġ, il-produtturi ta' l-imballaġġ u dawk li jimlew l-imballaġġ u l-utenti, l-importaturi, in-negozjanti u d-distributuri, l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet statutorji;
12. "ftehim volontarju" għandu jfisser il-ftehim formali millhuq bejn l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri u s-setturi ekonomiċi interessati, li jrid ikun miftuħ għall-imsieħba kollha li jixtiequ jilhq u l-kondizzjonijiet tal-ftehim fil-ħsieb li jaħdmu għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

▼M2

*L-Artikolu 4***Prevenzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, flimkien mal-miżuri li jipprevenu l-ħolqien ta' l-iskart ta' l-ippakkjar stabbiliti skond l-Artikolu 9, jimplimentaw miżuri oħra preventivi.

Dawn il-miżuri differenti jistgħu jikkonsistu fi programmi nazzjonali, proġetti li jintroduċu r-responsabbiltà tal-produttur biex inaqqas l-impatt ambjentali ta' l-ippakkjar u azzjonijiet simili adottati, b'konsultazzjoni jekk approprijat ma' operaturi ekonomiċi, u mfassla biex jgħaqqdu u jittieħed gwadann mill-ħafna inizjattivi li l-Istati Membri jieħdu rigward il-prevenzjoni. Dawn għandhom ikunu konformi ma' l-għanijiet ta' din id-Direttiva kif imsemmija fl-Artikolu 1(1).

2. Il-Kummissjoni għandha tgħin fil-promozzjoni tal-prevenzjoni billi tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' *standards* adattati Ewropej, skond l-Artikolu 10. L-*standards* għandhom jimmiraw biex inaqqsu l-impatt ambjentali ta' l-ippakkjar skond l-Artikoli 9 u 10.

3. Il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tippreżenta proposti għall-miżuri biex issaħħa u tikkumplimenta l-infurzar tal-ħtiġiet essenzjali u tassigura li l-ippakkjar ġdid jidħol fis-suq biss meta l-produttur ikun ħa l-miżuri kollha neċessarji biex inaqqas l-impatt ambjentali mingħajr ma jikkomprometti l-funzjonijiet essenzjali ta' l-ippakkjar.

▼B

L-Artikolu 5

L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu sistemi ta' użu mill-ġdid ta' l-imballaġġ, li jista' jintuża mill-ġdid b'mod li jħares l-ambjent, f'konformità mat-Trattat.

▼ M2

*L-Artikolu 6***Irkuprar u riċiklaġġ**

1. Biex ikunu konformi mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksbu l-miri li ġejjin li jkopru t-territorju kollu tagħhom:
- (a) mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001 bejn 50 % bħala minimu u 65 % bħala massimu bl-użin ta' l-iskart ta' l-ippakkjar għandu jiġi rkuprat jew maħruq f'fabbriki għall-inċinerazzjoni ta' l-iskart bl-irkuprar ta' l-enerġija;
 - (b) mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008 mill-inqas 60 % bl-użin ta' l-iskart ta' l-ippakkjar għandu jiġi rkuprat jew maħruq f'fabbriki għall-inċinerazzjoni ta' l-iskart bl-irkuprar ta' l-enerġija;
 - (c) mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001 bejn 25 % bħala minimu u 45 % bħala massimu bl-użin tat-total tal-materjali ta' l-ippakkjar li jkunu fl-iskart ta' l-ippakkjar għandhom jiġu riċiklati b'minimu ta' 15 % bl-użin għal kull materjal ta' l-ippakkjar;
 - (d) mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008 bejn 55 % bħala minimu u 80 % bħala massimu bl-użin ta' l-iskart ta' l-ippakkjar għandu jiġi riċiklat;
 - (e) mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008 il-miri minimi li ġejjin għar-riċiklaġġ tal-materjali misjuba fl-iskart ta' l-ippakkjar għandhom jiġu miksuba:
 - (i) 60 % bl-użin għall-ħġieġ;
 - (ii) 60 % bl-użin għall-karta u għat-tavla;
 - (iii) 50 % bl-użin għall-metalli;
 - (iv) 22,5 % bl-użin għall-plastik, waqt li jiġi mgħoddi biss il-materjal riċiklat lura għall-plastik;
 - (v) 15 % bl-użin għall-injam.
2. L-iskart ta' l-ippakkjar li jiġi esportat barra l-Komunità skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 ⁽¹⁾, (KE) Nru 1420/1999 ⁽²⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1547/1999 ⁽³⁾, għandu jgħodd biss għat-twertieq ta' l-obbligi u l-miri tal-paragrafu 1 jekk ikun hemm prova biżżejjed li l-operazzjoni ta' l-irkuprar u/jew ta' riċiklaġġ tkun saret taħt kondizzjonijiet simili ħafna għal dawk preskritti mill-leġislazzjoni tal-Komunità fuq din il-materja.
3. L-Istati Membri għandhom, fejn approprijat, jinkoraġġixxu l-irkuprar ta' enerġija, fejn dan ikun preferut aktar mir-riċiklaġġ tal-materjal minħabba raġunijiet kemm ambjentali kif ukoll ta' spejjes u benefiċċji. Dan jista' jsir billi jiġi ikkonsidrat margġini suffiċjenti bejn ir-riċiklaġġ nazzjonali u l-miri ta' rkuprar.
4. L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jinkoraġġixxu l-użu ta' materjal miksub mir-riċiklaġġ ta' l-iskart ta' l-ippakkjar għall-manifattura ta' l-ippakkjar u prodotti oħra billi:
- (a) jtejbu l-kondizzjonijiet tas-suq għal dawn il-materjali;
 - (b) jirrevedu r-regolamenti eżistenti li jipprevenu l-użu ta' dawn il-materjali.
5. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, waqt li jaġixxu permezz ta' maġġoranza kwalifikata u fuq proposta tal-Kummissjoni, jiffissaw il-miri għat-tielet fażi ta' ħames snin mill-2009 sa l-2014, ibbażati fuq l-esperjenza Prattika miksuba fl-Istati Membri fl-isforz biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-para-

(1) ĠU L 30, tas-6.2.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001 (ĠU L 349, tal-31.12.2001, p. 1).

(2) ĠU L 166, ta' l-1.7.1999, p. 6. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2118/2003 (ĠU L 318, tat-3.12.2003, p. 5).

(3) ĠU L 185, tas-17.7.1999, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 2118/2003.

▼ **M2**

grafu 1 u l-iskoperti tar-riċerka xjentifika u l-metodi ta' teknika ta' evalwazzjoni bħall-istimi dwar iċ-ċiklu tal-ħajja u l-analiżi dwar l-ispejjes u l-benefiċċji.

Dan il-proċess għandu jiġi ripetut kull ħames snin.

6. Il-miżuri u l-miri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu pubblikati mill-Istati Membri u għandhom ikunu s-suġġett ta' kampanja ta' informazzjoni għall-pubbliku ġenerali u għall-operaturi ekonomiċi.

7. Il-Greċja, l-Irlanda u l-Portugall jistgħu, minħabba s-sitwazzjonijiet speċifiċi tagħhom, li huma rispettivament in-numru kbir ta' gżejjer ċkejna, il-preżenza ta' żoni rurali u muntanjużi u l-livell baxx preżenti ta' konsum ta' l-ippakkjar, jiddeċiedu biex:

(a) jilhq, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001, miri aktar baxxi minn dawk stabbiliti fil-paragrafi 1(a) u (ċ), imma għandhom jilhq bħala minimu 25 % għall-irkuprar jew l-inċinerazzjoni f'fabbriki għall-inċinerazzjoni ta' l-iskart bl-irkuprar ta' l-enerġija;

(b) fl-istess żmien jipposponu l-kisba tal-miri tal-paragrafi 1(a) u (ċ) għal terminu perentorju li jkun aktar tard li iżda m'għandux ikun aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005;

(ċ) jipposponu l-kisba tal-miri msemmija fil-paragrafi 1(b), (d) u (e) sa data magħżula minnhom stess li ma tkunx aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

8. Il-Kummissjoni għandha, mill-aktar fis possibli u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2005, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq il-progress ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-impatt tagħha fuq l-ambjent, kif ukoll fuq it-tħaddim tas-suq intern. Ir-rapport għandu jieħu in-konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi individwali f'kull Stat Membru:

(a) evalwazzjoni ta' l-effettività, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ħtiġiet essenzjali;

(b) miżuri ta' prevenzjoni oħra biex jitnaqqas kemm jista' jkun possibli l-impatt ambjentali ta' l-ippakkjar mingħajr ma jiġu kompromessi l-funzjonijiet essenzjali;

(ċ) l-iżvilupp possibbli ta' indikatur ambjentali dwar l-ippakkjar biex jagħmel il-prevenzjoni ta' l-iskart ta' l-ippakkjar sempliċi u aktar effettiv;

(d) pjani għall-prevenzjoni ta' l-iskart ta' l-ippakkjar;

(e) appoġġ għall-użu mill-ġdid u, b'mod partikolari, tqabbil ta' l-ispejjes u l-benefiċċji ta' l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ;

(f) ir-responsabbiltà tal-produttur inkluż l-aspetti finanzjarji;

(g) sforzi biex jitnaqqsu aktar u, jekk xieraq, fl-aħħar jitneħħew metalli tqal u sustanzi oħra perikolużi fl-ippakkjar sa l-2010.

Dan ir-rapport għandu, kif inhu xieraq, ikun akkumpanjat bi proposti għar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet relatati ma' din id-Direttiva, kemm-il darba dawn il-proposti sa dak iż-żmien ma jkunux ġew ippreżentati.

9. Ir-rapport għandu jindirizza l-kwistjonijiet tal-paragrafu 8 kif ukoll kwistjonijiet oħra rilevanti fil-qafas ta' l-elementi differenti tas-Sitt Programm ta' Azzjoni fuq l-Ambjent, b'mod partikolari l-istrateġija tematika fuq ir-riċiklaġġ u l-istrateġija tematika fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif xieraq, jinkoraġġixxu studji u proġetti bi prova li jikkonċernaw il-punti 8(b), (ċ), (d), (e) and (f) u strumenti oħra preventivi.

10. L-Istati Membri li għamlu, jew ser jagħmlu, programmi li jmorru 'l-hinn mill-miri ta' paragrafu 1 u li jipprovdu f'dak ir-rigward kapaċità jiet xierqa għar-riċiklaġġ u għall-irkuprar għandhom jingħataw permess biex jilhq dawk il-miri fl-interess tal-livell għoli tal-protezzjoni ambjentali, bil-kondizzjoni li dawn il-miżuri jevitaw distorsjonijiet fis-suq intern u ma jtellfux il-konformità ta' Stati Membri oħra ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma dawn il-miżuri, wara li tkun ivverifikat, b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, li huma konsistenti

▼ **M2**

mal-konsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq u ma jinkludux mezzj arbitraġġi ta' diskriminazzjoni jew xi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

▼ **M3**

11. L-Istati Membri li aderew ma' l-Unjoni Ewropea bis-saħħa tat-Trattat ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 jistgħu jipposponu il-kisba tal-miri msemmija fil-paragrafu 1 il-punti (b), (d) u (e) sa data ta' l-għażla tagħhom li m'għandhiex tkun aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 għar-Repubblika ċeka, l-Estonja, ċipru, il-Litwanja, l-Ungerija, is-Slovenja u s-Slovakkja; il-31 ta' Diċembru 2013 għal Malta; il-31 ta' Diċembru 2014 għal-Polonja; u l-31 ta' Diċembru 2015 għal-Latvja.

▼ **B***L-Artikolu 7***Is-sistemi tar-ritorn, tal-ġbir u ta' l-irkupru**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu stabbiliti sistemi biex jipprovdu:

- (a) għar-ritorn u/jew għall-ġbir ta' l-imballaġġ użat u/jew l-iskart mill-imballaġġ mingħand il-konsumatur, utent finali ieħor, jew mill-ġabra finali ta' l-iskart sabiex jiġi mgħoddi lis-sistemi alternattivi ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart l-aktar addattati;
- (b) għall-użu mill-ġdid jew għall-irkupru inkluż ir-riċiklaġġ ta' l-imballaġġ u/jew l-iskart mill-imballaġġ miġbur,

sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti b'din id-Direttiva.

Dawn is-sistemi għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' l-operaturi ekonomiċi tas-setturi interessati u għall-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. Għandhom jgħoddu wkoll għall-prodotti importati, taħt kondizzjonijiet mhux diskriminatorji, inklużi l-arranġamenti dettaljati u kull tariffa imposta għall-aċċess għas-sistemi, u għandhom jiġu ddisinjati sabiex jevitaw xkiel għall-kummerċ jew distorsjoni tal-kompetizzjoni f'konformità mat-Trattat.

2. Il-miżuri riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jiffurmaw parti mill-politika li tkopri l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ kollu u għandhom iqisu, b'mod partikolari, il-ħtiġiet tal-protezzjoni tas-saħħa ambjentali u tal-konsumatur, tas-sigurtà u ta' l-iġjene; il-protezzjoni tal-kwalità, ta' l-awtentiċità u l-karatteristiċi tekniċi tal-merkanzija imballata u tal-materjali użati; u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali u kummerċjali.

*L-Artikolu 8***Is-sistema ta' l-immarrkar u ta' l-identifikazzjoni**

1. Il-Kunsill għandu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti bit-Trattat, jiddeċiedi fuq l-immarrkar ta' l-imballaġġ mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

▼ **M2**

2. Biex jiffaċilita l-ġbir, l-użu mill-ġdid u l-irkuprar inkluż ir-riċiklaġġ, l-ippakkjar għandu jindika għall-iskopijiet tiegħu ta' identifikazzjoni u klassifikazzjoni bl-industrija konċernata n-natura tal-materjal(i) użat(i) għall-ippakkjar fuq bażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/129/KE ⁽¹⁾.

▼ **B**

3. L-imballaġġ għandu jgħorr l-immarrkar addattat fuq l-imballaġġ innifsu jew fuq it-tikketta. Għandu jkun jidher ċar u jinqara bil-ħeffa. L-immarrkar għandu jkun jiflaħ għall-istrapazz u jservi kif suppost, inkluż meta jinfetaħ l-imballaġġ.

⁽¹⁾ ĠU L 50, 20.02.97, p. 28.



L-Artikolu 9

Il-ħtiġiet essenzjali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-imballaġġ ikun jista' jittqiegħed fis-suq biss jekk jikkonforma mal-ħtiġiet essenzjali kollha definiti f'din id-Direttiva inkluż l-Anness II.
2. L-Istati Membri għandhom, mid-data stabbilita fl-Artikolu 22(1), jippreżumu l-konformità mal-ħtiġiet essenzjali kollha stabbiliti f'din id-Direttiva inkluż fl-Anness II fil-każ ta' l-imballaġġ li jikkonforma:
 - (a) ma' l-istandards armonizzati rilevanti, li n-numri tar-referenza tagħhom ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. L-Istati Membri għandhom jipubblikaw in-numri tar-referenza ta' l-istandards nazzjonali li jittrasponu dawn l-istandards armonizzati;
 - (b) ma' l-istandards nazzjonali rilevanti riferiti fil-paragrafu 3 sakemm, fl-oqsma koperti b'dawn l-istandards, l-ebda standards armonizzati ma jeżistu.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' l-istandards nazzjonali tagħhom, riferiti fil-paragrafu 2(b), li jidherillhom illi jikkonformaw mal-ħtiġiet riferiti f'dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dawn it-testijiet mill-aktar fis lill-Istati Membri l-oħra.

L-Istati Membri għandhom jipubblikaw ir-referenzi ta' dawn l-istandards. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

4. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jikkonsidraw li l-istandards riferiti fil-paragrafu 2 ma jilhqax għal kollox il-ħtiġiet essenzjali riferiti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru interessat għandu jressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 83/189/KEE u jagħti r-raġunijiet għaliha. Dan il-Kumitat għandu jagħti opinjoni mingħajr dewmien.

Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri jekk ikunx meħtieġ illi jiġu rtirati dawk l-istandards mill-pubblikazzjonijiet riferiti fil-paragrafi 2 u 3.

L-Artikolu 10

L-istandardizzazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tmexxi 'l quddiem, kif xieraq, il-preparazzjoni ta' standards Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-ħtiġiet essenzjali riferiti fl-Anness II.

Il-Kummissjoni għandha tmexxi 'l quddiem, b'mod partikolari, il-preparazzjoni ta' standards Ewropej li għandhom x'jaqsmu ma':

- il-kriterji u l-metodoloġiji għall-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-imballaġġ,
- il-metodi biex tiġi mkejla u vverifikata l-preżenza ta' metalli tqal u sustanzi oħra ta' periklu fl-imballaġġ u l-ħruġ tagħhom mill-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ għal ġo l-ambjent,
- il-kriterji għall-kontenut minimu ta' materjal riċiklat fl-imballaġġ għat-tipi addattati ta' l-imballaġġ,
- il-kriterji għall-metodi tar-riċiklaġġ,
- il-kriterji għall-metodi tal-kompostjar u l-kompost prodott,
- il-kriterji għall-immarkar ta' l-imballaġġ.



L-Artikolu 11

Il-livelli tal-konċentrazzjoni tal-metalli tqal preżenti fl-imballaġġ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi s-somma tal-livelli tal-konċentrazzjoni taċ-ċomb, tal-kadmju, tal-merkurju, u tal-kromju ekssivalenti preżenti fl-imballaġġ jew fil-komponenti ta' l-imballaġġ m'għandhomx jaqbzū dak li ġej:
 - 600 ppm skond il-piż sentejn wara d-data riferita fl-Artikolu 22(i);
 - 250 ppm skond il-piż tliet snin wara d-data riferita fl-Artikolu 22(i);
 - 100 ppm skond il-piż ħames snin wara d-data riferita fl-Artikolu 22 (i).
2. Il-livelli tal-konċentrazzjoni riferiti fil-paragrafu 1 m'għandhomx jgħoddu għall-imballaġġ magħmul kollu kemm hu mill-ħġieġ tal-kristall biċ-ċomb definit fid-Direttiva 69/493/KEE ⁽¹⁾.
3. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, tiddeċiedi:
 - il-kondizzjonijiet illi taħthom il-livelli tal-konċentrazzjoni msemmija fuq ma jgħoddux għall-materjali riċiklati u għaċ-ċirkwiti tal-prodotti li jkunu f'katina magħluqa u kkontrollata,
 - ix-xorta ta' imballaġġ li huwa eżenti mill-ħtieġa riferita fil-paragrafu 1, it-tielet inċiż.

L-Artikolu 12

Is-sistemi ta' l-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi d-*databases* fuq l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ jiġu mibnija, fejn mhux diġà jeżistu, fuq bażi armonizzata sabiex jgħinu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-monitorjar ta' l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet stabbiliti b'din id-Direttiva.
2. Għal dan il-għan, id-*databases* għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-kobor, il-karatteristiċi u l-evoluzzjoni taċ-ċirkolazzjoni ta' l-imballaġġ u ta' l-iskart mill-imballaġġ (inkluża l-informazzjoni dwar it-tossiċità jew il-periklu tal-materjali ta' l-imballaġġ u l-komponenti użati għall-fabbrikazzjoni tagħhom) fil-livell ta' l-Istati Membri individwali.
3. Sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi u l-preżentazzjoni ta' l-informazzjoni prodotta u sabiex l-informazzjoni ta' l-Istati Membri differenti tkun taqbel, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni disponibbli permezz ta' formati li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni sena qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva fuq il-bażi tal-Anness III, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.
4. Meta jipprovdu informazzjoni ddettaljata l-Istati Membri għandhom iqisu l-problemi partikolari ta' l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju.
5. L-informazzjoni miksuba għandha tingħata mar-rapporti nazzjonali riferiti fl-Artikolu 17 u għandha tiġi aġġornata fir-rapporti sossegwenti.
6. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-operaturi kollha involuti jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni ta' min joqgħod fuqha dwar is-settur tagħhom kif meħtieġ f'dan l-Artikolu.

L-Artikolu 13

Tagħrif għall-utenti ta' l-imballaġġ

- L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri, fi żmien sentejn mid-data riferita fl-Artikolu 22(1), biex jiżguraw illi l-utenti ta' l-imballaġġ, inklużi b'mod partikolari l-konsumaturi, jiksbu t-tagħrif meħtieġ dwar:
- is-sistemi tar-ritorn, tal-ġbir u ta' l-irkupru disponibbli għalihom,
 - ir-rwol tagħhom fil-kontribuzzjoni lejn l-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ,

⁽¹⁾ ĠU L 326, tad-29.12.1969, p. 36.

▼B

- it-tifsira ta' l-immarkar fuq l-imballaġ li jkun fis-suq,
- l-elementi li jgħoddu tal-pjanijiet ta' l-immaniġġjar ta' l-imballaġ u l-iskart mill-imballaġ riferiti fl-Artikolu 14.

▼M2

L-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll l-informazzjoni għall-konsumatur u l-kampanji li jqajmu kuxjenza.

▼B*L-Artikolu 14***Il-pjanijiet għall-immaniġġjar**

Filwaqt li jsegwu l-għanijiet u l-miżuri riferiti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinkludu fil-pjanijiet ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart meħtieġa skond l-Artikolu 17 tad-Direttiva 75/442/KEE, kapitolu speċifiku dwar l-immaniġġjar ta' l-imballaġ u ta' l-iskart mill-imballaġ, inklużi l-miżuri meħuda skond l-Artikoli 4 u 5.

*L-Artikolu 15***L-istrumenti ekonomiċi**

Waqt li jaġixxi fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, il-Kunsill jadotta strumenti ekonomiċi biex imexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet stabbiliti b'din id-Direttiva. Fin-nuqqas ta' miżuri bħal dawn, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri biex jimplementaw dawn l-għanijiet, skond il-prinċipji li jirregolaw il-politika ambjentali tal-Komunità, fost ħwejjeġ oħra, il-prinċipju li min iniggeż iħallas, u l-obbligazzjonijiet taħt it-Trattat.

*L-Artikolu 16***In-notifikazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 83/189/KEE, qabel ma jadottaw miżuri bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-abbozzi tal-miżuri li jkunu bi ħsiebhom jadottaw fil-qafas ta' din id-Direttiva, minbarra l-miżuri ta' natura fiskali, iżda inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi magħquda ma' miżuri fiskali li jinkoraġġixxu l-konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi bħal dawn, sabiex jippermettu lil din ta' l-aħħar illi teżaminahom fid-dawl tad-dispożizzjonijiet eżistenti filwaqt li ssegwi f'kull każ il-proċedura taħt id-Direttiva msemmija fuq.

2. Jekk il-miżura proposta hija wkoll kwistjoni teknika fit-tifsira tad-Direttiva 83/189/KEE, l-Istat Membru interessat jista' jindika, waqt li jsegwi l-proċeduri tan-notifika riferiti f'din id-Direttiva, li n-notifikazzjoni hija valida wkoll għad-Direttiva 83/189/KEE.

*L-Artikolu 17***L-obbligu li jsir rapport**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991 li tistandardizza u tirazzjonalizza r-rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent⁽¹⁾. L-ewwel rapport għandu jkopri l-perjodu 1995 sa 1997.

*L-Artikolu 18***Il-libertà tat-tqegħid fis-suq**

L-Istati Membri m'għandhomx ifixklu t-tqegħid fis-suq tat-territorju tagħhom ta' l-imballaġ li jissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.

▼ **M2***L-Artikolu 19***Adattament ma' progress xjentifiku u tekniku**

L-emendi neċessarji għall-adattament tas-sistema ta' identifikazzjoni mal-progress xjentifiku u tekniku (kif imsemmija fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10, it-tieni subparagrafu, l-aħħar inċiżjoni), il-formati dwar is-sistema ta' l-irreġistrar ta' l-informazzjoni (kif imsemmija fl-Artikolu 12 (3) u l-Anness III) kif ukoll l-eżempji illustrati fuq id-definizzjoni ta' l-ippakkjar (kif imsemmija fl-Anness I) għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21(2).

▼ **B***L-Artikolu 20***Miżuri speċifiċi**▼ **M2**

1. Il-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21, għandha tistabbilixxi l-miżuri tekniċi neċessarji biex titratta kwalunkwe diffikultajiet li tiltaqa' magħhom waqt l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva b'mod partikolari rigward materjali ta' l-ippakkjar li m'humiex reattivi, mpoġġija fis-suq fi kwantitajiet żgħir ħafna (i.e. approssimazzjoni ta' 0,1 % bl-użin) fl-Unjoni Ewropea, l-ippakkjar primarju għall-apparat mediku u prodotti farmaċewtiċi, ippakkjar ċkejken u pakkjar ta' lussu.

▼ **B**

2. Il-Kummissjoni għandha wkoll tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kull miżura oħra li tkun ser tittieħed, akkumpanjat minn proposta jekk applikabbli.

▼ **M2***L-Artikolu 21***Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat.
2. Fejn ikun hemm referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ⁽¹⁾ għandhom jgħoddu, b'rispett lejn id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tiegħu.

Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

▼ **B***L-Artikolu 22***L-implimentazzjoni fil-liġi nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel it-30 ta' Ġunju 1996. Għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jagħmlu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffċjali tagħhom. Il-metodi sabiex issir referenza b'hal din għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha adottati fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(1) ĠU L 184, 17.07.99, p. 23.

▼ **M2**

3a. Waqt li jkun ipprovdut li jinkisbu l-għanijiet stabbiliti f'Artikolu 6, l-Istati Membri jistgħu jiskambjaw id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 7 permezz ta' ftehim ma' l-awtoritajiet kompetenti u s-setturi ekonomiċi konċernati.

Dawn il-ftehim għandhom ikollhom il-ħtiġiet li ġejjin:

- (a) il-ftehim għandhom ikunu tat-tip li jiġu nforzati;
- (b) il-ftehim għandhom jispeċifikaw l-għanijiet bit-termini perentorji korrispondenti;
- (ċ) il-ftehim għandhom jiġu pubblikati fil-ġurnal uffiċjali nazzjonali jew f'dokument uffiċjali li jkun ugwalment aċċessibli għall-pubbliku, u mibgħut lill-Kummissjoni;
- (d) ir-riżultati miksuba għandhom jiġu kontrollati b'mod regolari, rapportati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni u mqegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-ftehim;
- (e) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li l-progress miksub skond dan il-ftehim jiġi eżaminat;
- (f) F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-ftehim, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva permezz ta' miżuri leġislattivi, regulatorji u amministrattivi.

▼ **B**

4. Il-ħtiġiet għall-fabbrikazzjoni ta' l-imballaġġ m'għandhom fl-ebda każ jgħoddu għall-imballaġġ użat għal prodotti speċifikati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri għandhom, għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' l-imballaġġ iffabbrikat qabel din id-data u li huwa f'konformità mal-liġi nazzjonali eżistenti.

L-Artikolu 23

Id-Direttiva 85/339/KEE hija b'dan irrevokata b'effett mid-data riferita fl-Artikolu 22(1).

L-Artikolu 24

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 25

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ **M2***L-ANNESS I***EŻEMPJI ILLUSTRATI GĦALL-KRITERJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(1)****Eżempji illustrati għal kriterju (i)***Ippakkjar*

Kaxxi tal-ħelu

Film imgeżwer madwar kaxxa ta' CD

Nuqqas ta' ippakkjar

Qsari intiżi li jibqgħu mal-pjanta matul iż-żmien kollu tagħha

Kaxxi tal-għodda

Boroż tat-Te'

Saffi tax-xama' madwar il-ġobon

Ġlud taz-zalzett

Eżempji illustrati għal kriterju (ii)*Ippakkjar, jekk ikun imfassal u intiż biex jimtela waqt il-bejgħ tiegħu*

Boroż tal-ġarr tal-karta jew tal-plastik

Platti u kikkri li ma jergħux jintużaw

Film plastiku trasparenti għat-tgeżwir

Boroż tas-*Sandwich*

Folji ta' l-aluminju

Nuqqas ta' ippakkjar

Oġġett li jħawwad

Għodda ta' l-ikel u l-kċina li ma jergħux jintużaw

Eżempji illustrati għal kriterju (iii)*Ippakkjar*

Tikketti mdendla direttament jew imwaħħla ma' prodott

Parti mill-ippakkjar

Xkupilja tal-maskara li tiffirma parti mis-sistema ta' l-egħluq tal-kontenitur

Tikketti bil-kolla mwaħħla ma' oġġett ieħor ta' l-ippakkjar

Staples

Kmiem tal-plastik

Apparat biex ikejjel id-doża li jiffirma parti mis-sistema ta' l-egħluq tal-kontenitur tad-deterġenti.



L-ANNESS II

**IL-ĦTIĠIET ESSENZJALI DWAR IL-KOMPOŻIZZJONI U N-NATURA
TA' L-IMBALLAĠĠ ILLI JISTA' JERĠA' JINTUŻA' MILL-ĠDID JEW
JIĠI RKUPRAT, INKLUŻ IRRIĊIKLAT**

1. Il-ħtiġiet speċifiċi għall-fabbrikazzjoni u l-komposizzjoni ta' l-imballaġġ

- L-imballaġġ għandu jiġi ffabbrikat hekk illi l-volum u l-piż ta' l-imballaġġ jiġu llimitati għall-ammont minimu adegwat sabiex jinżamm il-livell meħtieġ tas-sigurtà, ta' l-iġjene u ta' l-aċċettazzjoni tal-prodott imballat u għall-konsumatur.
- L-imballaġġ għandu jiġi ddisinjat, prodott u kummerċjalizzat hekk illi jippermetti l-użu mill-ġdid jew l-irkupru, inkluż ir-riċiklaġġ, u li jitnaqqas l-impatt tiegħu fuq l-ambjent meta jinquerdu l-iskart mill-imballaġġ jew ir-residwi minn operazzjonijiet ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart mill-imballaġġ.
- L-imballaġġ għandu jiġi ffabbrikat hekk illi l-preżenza bħala kostitwenti tal-materjal ta' l-imballaġġ jew ta' xi komponenti ta' l-imballaġġ ta' sustanzi li jagħmlu l-ħsara u ta' materjali oħra perikolużi tiġi mminimizata fl-emissjonijiet, fl-irmied jew fil-lissija meta l-imballaġġ jew ir-residwi minn operazzjonijiet ta' l-immaniġġjar jew ta' l-iskart mill-imballaġġ jinħarqu jew jiġu mirduma.

2. Il-ħtiġiet speċifiċi għan-natura ta' l-imballaġġ li tippermetti l-użu mill-ġdid

Il-ħtiġiet li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti fl-istess ħin:

- il-kwalitajiet u l-karatteristiċi fiżiċi ta' l-imballaġġ għandhom jippermettu numru ta' vjaġġi jew rotazzjonijiet f'kondizzjonijiet ta' l-użu li normalment jistgħu jitbassru,
- il-possibbiltà ta' l-i-proċessar ta' l-imballaġġ użat sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema,
- jiġu osservati l-ħtiġiet speċifiċi għall-imballaġġ li jista' jiġi rkuprat meta l-imballaġġ ma jibqax jerġa' jintuża u għalhekk isir skart.

3. Il-ħtiġiet speċifiċi għall-imballaġġ illi jista' jiġi rkuprat

(a) L-imballaġġ li jista' jiġi rkuprat fil-forma ta' materjal riċiklat

L-imballaġġ għandu jiġi ffabbrikat hekk illi jippermetti r-riċiklaġġ ta' ċertu perċentwal skond il-piż tal-materjali użati fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti li jistgħu jitqiegħdu fis-suq, f'konformità ma' l-istandards korrenti fil-Komunità. L-għażla ta' dan il-perċentwal tista' tvarja, skond ix-xorta ta' materjal li minnu l-imballaġġ ikun magħmul.

(b) L-imballaġġ li jista' jiġi rkuprat fil-forma ta' irkupru ta' l-enerġija

L-iskart mill-imballaġġ proċessat għall-iskop ta' l-irkupru ta' l-enerġija għandu jkollu valur minimu kalorifiku inferjuri sabiex jippermetti l-aħjar irkupru ta' l-enerġija.

(ċ) L-imballaġġ illi jista' jiġi rkuprat fil-forma ta' kompostjar

L-iskart mill-imballaġġ proċessat għall-iskop tal-kompostjar għandu jkun ta' natura bijodegradabbli li ma tfixkilx il-ġbir separat u l-proċess jew l-attività tal-kompostjar li fihom jiddaħħal.

(d) L-imballaġġ bijodegradabbli

L-iskart mill-imballaġġ bijodegradabbli għandu jkun ta' natura li jkun kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika tant li ħafna mill-kompost li jibqa' jiddekomponi fl-aħħar f'dijossidu karboniku, bijomassa u ilma.

*L-ANNEX III***L-INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FID-DATABASES
DWAR IMBALLAĠĠ U L-ISKART TA' L-IMBALLAĠĠ (SKOND IT-
TABELLI 1 SA 4)**

1. Għall-imballaġġ primarju, sekondarju u terzjarju:
 - (a) il-kwantitajiet, għal kull kategorija wiesgħa tal-materjal, ta' l-imballaġġ ikkonsumat fil-pajjiż (prodott + importat – esportat) (Tabella 1);
 - (b) il-kwantitajiet użati mill-ġdid (Tabella 2).
2. Għall-iskart mill-imballaġġ domestiku u mhux domestiku:
 - (a) il-kwantitajiet, għal kull kategorija wiesgħa tal-materjal, irkuprati u meqruda fil-pajjiż (prodott + importat – esportat) (Tabella 3);
 - (b) il-kwantitajiet riċiklati u l-kwantitajiet irkuprati għal kull kategorija wiesgħa tal-materjal (Tabella 4).



IT-TABELLA 1

Il-kwantità ta' imballaġġ (primarju, sekondarju u terzjarju) ikkonsumat fit-territorju nazzjonalni

	It-tunnellaġġ prodott	- It-tunnellaġġ esportat	+ It-tunnellaġġ importat	= It-total
Il-ħġieġ				
Il-plastik				
Il-karta/il-kartun (inklużi dawġ komposti)				
Il-metalli				
L-injam				
Oħrajn				
It-total				



IT-TABELLA 2

Il-kwantità ta' l-imballaġġ (primarju, sekondarju u terzjarju) użat mill-ġdid fit-territorju nazzjonali

	It-tunnellaġġ ta' l-imballaġġ ikkonsumat	L-imballaġġ użat mill-ġdid	
		It-tunnellaġġ	Il-percentwal
Il-ħġieġ			
Il-plastik			
Il-karta/il-kartun (inklużi dawk komposti)			
Il-metall			
L-injam			
Oħrajn			
It-total			



IT-TABELLA 3

Il-kwantità ta' l-iskart mill-imballaġġ irkuprat u meqrud fit-territorju nazzjonali

	It-tunnellaġġ ta' l-iskart prodott	- It-tunnellaġġ ta' l-iskart esportat	+ It-tunnellaġġ ta' l-iskart importat	= It-total
L-iskart domestiku				
L-imballaġġ tal-ħġieġ				
L-imballaġġ tal-plastik				
L-imballaġġ tal-karta/ tal-kartun				
L-imballaġġ tal-kartun kompost				
L-imballaġġ tal-metall				
L-imballaġġ ta' l-injam				
It-total ta' l-imballaġġ ta' l-iskart domestiku				
L-iskart mhux domestiku				
L-imballaġġ tal-ħġieġ				
L-imballaġġ tal-plastik				
L-imballaġġ tal-karta/ tal-kartun				
L-imballaġġ tal-kartun kompost				
L-imballaġġ tal-metall				
L-imballaġġ tal-injam				
It-total ta' l-imballaġġ ta' l-iskart mhux domestiku				



IT-TABELLA 4

Il-kwantità ta' l-iskart mill-imballaġġ riċiklat jew irkuprat fit-territorju nazzjonali

	It-tunnellaġġ totali rkuprat u meqrud	Il-kwantità riċiklata		Il-kwantità rkuprata	
		It-tunnellaġġ	Il-percentwal	It-tunnellaġġ	Il-percentwal
L-iskart domestiku					
L-imballaġġ tal-ħġieġ					
L-imballaġġ tal-plastik					
L-imballaġġ tal-karta/kartun					
L-imballaġġ tal-kartun kompost					
L-imballaġġ tal-metall					
L-imballaġġ ta' l-injam					
It-total ta' l-imballaġġ ta' l-domestiku					
L-iskart mhux domestiku					
L-imballaġġ tal-ħġieġ					
L-imballaġġ tal-plastik					
L-imballaġġ tal-karta/kartun					
L-imballaġġ tal-kartun kompost					
L-imballaġġ tal-metall					
L-imballaġġ ta' l-injam					
It-total ta' l-imballaġġ ta' l-iskart mhux domestiku					